MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 2333/2002

**Lloyds (Malta) Limited, bhala rapprezentanti *ex lege* ta' Cotesworth Capital Ltd. Membri ta' Lloyds li jifformaw is-*syndicate* esteru li jgib in-numru 1069 u joperaw taht l-isem H.R. Rivington & Others, Millennium Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti lokali ta' l-istess *syndicate* esteru kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat tieghu Anthony Azzopardi esercenti l-kummerc bhala A.A. Foods Imports**

**vs**

**John Ripard & Son Ltd., bhala agenti tas-socjeta' estera IFS Neutral Maritime Service, trasportatur tal-merakanzija de qua fuq il-bastiment "Mass Diep"**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Settembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' hames mija tlieta u hamsin lira Maltija u tletin centezmu (Lm553.30) sborsati bhala indennizz a favor l-assikurat taghhom bhala konsegwenza ta' hsara li dan garrab f'konsenja ta' sitt (6) pallets konsistenti minn tmien mija u hamsin (850) cartons kontenti kappar, zebbug u piri-piri ahmar li waslet Malta minn Spanja fl-24 ta' Settembru 2001 abbord il-bastiment "Mass Diep" – ghal liema hsara s-socjeta' konvenuta nomine kienet responsabbli.**

**Oltre d-danni, s-socjeta' konvenuta nomine ghandha thallas l-ispejjez gudizzjarji u l-imghax legali b'effett mid-data tan-notifika ta' l-avviz.**

**Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta pprezentata fid-9 ta' Ottubru, 2002, li fiha ntqal illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex is-socjeta' konvenuta ma kienetx responsabbli ghall-allegati danni.**

**Illi kif ser jirrizulta l-esportatur kien responsabbli ghal "parking" u l-merkanzija giet stivata mill-esportatur b'mod negligenti b' "inadequate packing" b'rizultat li kien hemm il-hsara.**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Joe Mallia, Anthony Azzopardi, Joseph Calleja, Joseph Theuma. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Din il-kawza qed issir ghal danni li graw f'konsenja ta' kappar, zebbug u piri piri ahmar li wasal Malta minn Spanja fl-24 ta' Settembru 2001 abbord il-vapur Mass Diep.**
**2. Is-socjeta' konvenuta qieghda tghid li mhix responsabbli u li huwa l-esportatur li kien responsabbli ghal packing u li l-merkanzija giet**

**stivata mill-istess esportatur b'mod negligenti u mhux in pakkettata sew.**

**3. Jirrizulta li l-merkanzija kienet waslet fi "groupage container" u meta l-assigurat tas-socjeta' attrici Anthony Azzopardi ta' A.A. Foods Imports mar biex jirtira l-merkanzija sab li kien hemm 300 "buckets" ta' 3.8 litri, 5 packages u 12 jars li kienu mxarrbin u danneggjati. Dawn id-danni huma evidenti mir-ritratti esebiti mid-dokument E a fol 25 tal-process.**

**4. L-istess Anthony Azzopardi xehed li meta marru n-nies tieghu biex jirtiraw il-merkanzija li kellha tinhatt Hal Far fil-bond tas-socjeta' konvenuta kienu sabuha danneggjata.**

**5. Jirrizulta illi skond il-bill of lading Dok C esebit a fol 22 tal-process meta l-merkanzija tghabbiet ma kienx fiha hsarat u fil-fatt fl-istess polza ta' karigu tnizzel "clean on board". L-istess bill of lading tipprovdi fil-klawsola 7 (3): the merchant undertakes that the goods are packed in a manner adecquate to withstand the ordinary risks of carraige. Having regard to their nature and incompliance with all laws, regulations and requirements which may be aplicable.**

**6. Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Joseph Calleja rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana illi l-imsemmija merkanzija li kellha tigi rtirata minn Azzopardi nstabet li kellha l-hsara, pero' x-xhud qal hekk "l-istat kif kienet il-merkanzija kif dahlet fil-bond jien ma nafx, pero' naf kif harget". F'dan il-kuntest l-istess xhud ghamel referenza ghar-release order Dok JC 1 u Dok JC 2 esebiti a fol 14 sa 16 tal-process. Fid-Dok JC 2 hemm imnizzel is-segwenti "this is to certify that out of the above mentioned 850 cartons 300 buckets by 3.8lt, outer packaging and 5 pakages by 12 jars capers where found wet and damaged."**

**7. Ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta Joseph Theuma xehed li fil-mument destuffing kien hemm oggetti danneggjati. L-istess xhud kien mar fuq il-post u kif ighid hu x-xoghol deher ippakkjat normali, pero' kien hemm xi ksur, hareg il-likwidu u l-cartoon ixxarrab. L-istess Joseph Theuma jghid ukoll li x-**

**xoghol deher stivat normali ghalkemm fil-fehma tieghu l-ippakkettar kien aktar artab minn normali, pero' huwa xehed ukoll illi apparti dawn kien hemm ukoll xoghol iehor li kien ippakjat fil-hgieg li wkoll kien danneggjat.**

**8. Jirrizulta wkoll illi mill-*gate pass out* kien hemm il-hsara msemmija u dana skond Dok JT 3 liema dokument gie ffirmat mir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, mis-socjeta' tad-Dwana u consignee.**

**9. Ghandu jinghad illi meta jkun hemm *"a clean Bill of Lading"* kif ripetutament intqal mill-Qrati taghna:**

**"Il-hrug ta' "*Clean Bill of Lading*" jistabilixxi prima facie l-prova li l-merkanzija msemmija fil-polza giet karigata f'kundizzjoni tajba u timponi l-obbligu li l-merkanzija tigi skarikata fl-istess kundizzjoni tajba." (Wilfred Mamo et noe vs Salvino Sullivan et noe et 20-06-1991, Vol.LXXV, PIV, p.791; u "Wilfred Mamo et noe vs Paul Mifsud."**

**10. Inoltre kif sewwa rriteniet il-Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-ismijiet "Brian Valenzia noe vs Godwin Abela et noe" (deciza fil-5 ta' Mejju, 1992):**

**"i. Huwa principju fondamentali ta' dritt li min jallega fatti irid jipprovahom, u min jattribwixxi responsabilita' lill-terza persuna ghandu jipprovah;**
**ii. Illi l-provi diretti biex jipprovaw u jistabilixxu din ir-responsabilita' ghandhom ikunu, shah, integri u sodisfacenti b'mod li l-grad tal-prova jissodisfa lill-gudikant."**

**11. Jigi rilevat ukoll illi kif intqal fil-kawza "Joseph Felice Pace nomine vs Godwin Abela noe" deciza mill-Qorti Tal-Kummerc fit-2 ta' Mejju, 1989 jinghad illi meta merkanzija tinhatt:**

**"johrog dokument imsejjah "*tally sheet*" redatt minn *Tally Clerk* li jiccertifika l-istat li fih il-merkanzija tnizzlet minn fuq il-vapur, u hadet il-konsenja taghha is-socjeta` Cargo Handling Company Limited ……… Meta din imbaghad tikkonsenja l-merkanzija lill-importatur, jigi redatt dokument iehor li huwa maghruf bhala "G*ate Pass-Out*" li fuqu l-importatur jiccertifika wkoll jekk irceviex il-merkanzija fi stat, apparentement, danneggjata jew shiha. Dawn iz-zewg dokumenti, ghall-iskopijiet ta' proceduri gudizzjarji waslu biex, bhala prova, jeholqu presunzjoni *iuris tantum*, li dak li jindikaw hija l-verita` - sakemm ma jkunx hemm provi ohra serji u precizi li jindikaw il-kuntrarju……………"**

**12. Fic-cirkostanzi ghalhekk ma jirrizultax pruvat illi l-merkanzija ma kienetx stivata sufficentement tajjeb kif qed tallega s-socjeta' konvenuta. Jirrizulta minflok illi l-merkanzija kienet stivata tajjeb u tghabbiet abbord f'kondizzjoni tajba, u meta waslet Malta nstab illi din kienet danneggjata. Ghalhekk ghad-danni konsegwenzjali ghandha taghmel tajjeb is-socjeta' konvenuta bhala agenti ghas-socjeta' IFS Neutral Maritime Service trasportatur tal-merkanzija fuq il-bastiment Mass Diep. Id-danni rizultanti huma dawk indikati fl-avviz u li jirrizultaw mid-Dok D a fol 24 tal-process u a Dok F a fol 26 tal-process fl-ammont ta' hames mija tlieta u hamsin lira u tlieta u tletin centezmu (Lm553.33).**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, qed jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-isemmija somma ta' somma ta' hames mija tlieta u hamsin lira u tlieta u tletin centezmu (Lm553.33). Bl-imghaxijiet legali mill-4 ta' Ottubru, 2002. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------